Kunsill Lokali Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 71

Data tal-laqgħa: 21 ta' Novembru 2023

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Dr Angelo Micallef – Sindku (AM)
Mary Louise Briffa – Viċi Sindku (MLB)
Stephen Gatt - Kunsillier (SG)
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier (ONDG)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Andrè Grech – Kunsillier (AG)

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku, AM ippresjeda l-laqgħa.

## 71.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

71.1.1 Is-Sindku qal li l-Kunsillier AG infurma li ma setgħax tattendi għal-laqgħa u għalhekk unanimament ġie skużat.

## 71.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

71.2.1 Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-Minuti ta' Laqgħa Nru. 70. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

71.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Kunsillier ONDG, li kien issekondat mill-Kunsillier SG, il-minuti ġew approvati.

## 71.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

71.3.1 Para 70.3.2 – Dawl dekorattiv
Is-SE infurmat li l-*cover* tal-kulur li xtrat *online* għadu ma wasalx.

71.3.2 Para 70.3.3
Is-Sindku staqsa dwar jekk it-tabella '*No Road Markings*' minn Triq il-Ferrovija l-Qadima kienitx tneħħiet. Inġibdet l-attenzjoni li hemm tabella oħra fi Vjal De Paule. Is-SE infurmat li għadha ma bagħtetx lill-IM biex ineħħihom peress li għad hemm il-kwistjoni tal-*'U-turns'* għadha pendenti. Se nibgħatu *reminder* lis-Sur Jonathan Borg (CEO ta' TM) dwar dan il-periklu.

71.3.3 Para 70.3.4 – Villa Blackman, Triq l-Imdina
Is-Sindku infurma li ltaqa' mal-Perit tal-Kunsill dwar il-proposta ta' *childcare centre,* fejn waħda mill-oġġezzjonijiet kienet li potenzjalment se jintilfu madwar 8 spazji ta' parkeġġ. Abbażi ta' dan, kien hemm qbil li ma jkunx prudenti li l-Kunsill jappoġġja din il-proposta.

71.3.4 Para 70.3.5 - Proposta minn Balzan FC
Is-SE infurmat li Balzan FC għad iridu jibgħatu d-dettalji tat-tabelli u *site plan* li tindika l-postijiet ta' fejn jixtiequ li jitwaħħlu t-tabelli.

71.3.5 Para 70.3.6 – *Residential Parking Scheme*
Is-SE infurmat li għadna qed nistennew risposta.

71.3.6 Para 70.4.3 - Ittri li rċevew xi residenti fi Triq it-Tliet Knejjes
Dwar l-ittra li rċevew numru ta' residenti, is-Sindku infurma li ltaqa' mal-Perit tal-Kunsill, fejn ġie spjegat li din hi proposta ta' re-alignment tat-triq. Din il-kwistjoni tiġi diskussa meta tiġi sottomessa applikazzjoni mal-PA.

71.3.7 Para 70.7.1 - Ċirkulari Nru SPI/SCI/04/2023 – Skema Finanzjarja – Komunitajiet aktar siguri u organizzati
Is-SE kitbet lill-Pulizija biex jipprovdu l-i*specifications* li jkollhom bżonn sabiex is-*CCTVs* jiġu konnessi direttament magħhom. L-ispettur issuġġeriet li nagħmlu kuntatt ma' Kunsilli oħra li diġà ibbenefikaw minn din l-iskema.

71.3.8 Para 70.12.4 – Ismijiet ta' toroq
Is-Sindku irringrazzja lill-Kunsillier ONDG talli pprepara l-ittri biex jintbagħtu lir-residenti tat-toroq ikkonċernati. Ser jingħataw ċans ta' 10 t-ijiem sabiex jinfurmawna dwar jekk jaqblux li tinbidel l-isem tat-triq. Min ma jagħti l-ebda *feedback* ser jitqies li qed jaqbel mal-proposta.

71.3.9 Para 70.12.5 - Talba għal *road markings* ġodda fl-entratura ta' Sqaq Nru. 1. Triq il-Kbira
Is-SE infurmat li se ssir laqgħa *on-site* mar-resident biex jagħti dettalji fuq il-proposta tiegħu.

71.3.10 Para 70.12.6 - *Speeding* fi Triq l-Annunzjata
Is-SE infurmat li applikat għal permess ma' TM biex jiġu installati t-tabelli *'Residential Priority Area Drive Slowly'* u għadha qed tistenna risposta.

## 71.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

71.4.1 <u>*PC Policy Meeting - CEMR*</u>
Is-Sindku infurma li ftit taż-żmien ilu ġie nominat biex jirrappreżenta lill-AKL fil-*Council of European Regions* u ser ikun qed jattendi l-*PC Policy Meeting* fi Praga fil-bidu ta' Diċembru 2023.

## 71.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

71.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 71.6 Rapporti

71.6.1 Ma kienx hemm rapporti

## 71.7 Skemi Finanzjarji

71.7.1 <u>Skema Finanzjarja mir-Reġjun Tramuntana – Milied 2023</u>
Is-SE aġġornat lill-Kunsill bl-iżviluppi. Il-Kunsill ser jalloka:

1. Kumplament tal-ispiża għat-tiżjin ta' toroq għal żmien il-Milied - €2,040
2. Ponsiettas għar-residenti - €600
3. Tiżjin tal-Pjazza bid-dwal tal-Milied - €800
4. Il-kumplament ser jiġu allokati għall-attività tal-10 ta' Diċembru 2023.

71.7.2 <u>Skema Finanzjarja - Għajnuna lill-NGOs</u>
Is-SE infurmat li kitbet lill-Balzan FC dwar il-possibiltà li tiġi organizzata *sports day* u baqgħet mingħajr tweġiba. Kien hemm qbil li ninfurmaw liż-żewġ Każini tal-banda b'din l-iskema, biex jikkonfermaw jekk humiex interessati jibbenifikaw minn din l-iskema.

## 71.8 Attivitajiet għal żmien il-Milied

71.8.1 Il-Kunsill ġie aġġornat bl-iżviluppi tal-attività li se ssir il-Ħadd, 10 ta' Diċembru 2023 bejn il-11am u s-2pm.

71.8.2 Peress li għad fadal fondi disponibbli mill-iskema tar-Reġjun, ser niċċekkjaw dwar il-possibiltà li jkun hemm *face painting* u magna tal-*candy floss* għat-tfal. Se jiġu ordnati wkoll xi *sandwiches* biex jitqassmu lil dawk preżenti.

**F'dan il-ħin (4.30pm) daħlet il-Viċi Sindku MLB għal-laqgħa u waqfet għal ftit minuti.**

71.8.3 Is-Sindku infurma liż-żewġ Każini tal-banda u ċ-Ċentru Żgħażagħ ser jkunu qed ibiegħu affarijiet relatati mal-Milied u l-emigranti mill-*Balzan Open Centre* se jbiegħu ikel orjentali.

## 71.9 Toroq li qed / ser isiru minn Infrastructure Malta

71.9.1 Is-Sindku infurma lix-xogħlijiet fi Triq San Franġisk (bejn Triq l-Imdina u Triq il-Ferrovija l-Qadima) bdew.

71.9.2 Xogħlijiet fi Triq Sisner u Triq Ġulju Cauchi għadhom ma bdewx peress li l-permess minn TM għadu ma ħariġx.

71.9.3.1 <u>Triq il-Kbira</u>
Is-Sindku infurma lit-*topographical survey* tlesta u għaddejnieh lis-CSU biex ikunu jistgħu jippreparaw il-pjanti tal-proposta għall-*Storm Water System*. La darba dawn il-pjanti jkunu lesti, nkunu rridu l-konferma ta' IM li se jinkludu dawn ix-xogħlijiet mal-proġett ta' rikostruzzjoni tat-triq.

71.9.3.2 Is-Sindku semma li rridu noqgħodu attenti għat-*timing,* peress li din it-triq se jibdewha l-aħħar waħda. Is-Sindku qal li bħala Kunsill diġà nfurmajna lill-IM u lill-kuntrattur bid-dati tal-festa, bir-rotot tal-vara u l-attivitajiet relatati mal-festa. Dan biex ix-xogħlijiet ma jaħbtux mal-festa.

## 71.10 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

71.10.1 <u>Laqgħa tal-Lokalità</u>
Is-Sindku infurma li, sal-15 ta' Diċembru, il-Kunsill irid issejjaħ laqgħa pubblika. Il-Kunsill unanimament approva li l-laqgħa pubblika ssir nhar it-Tnejn, 11 ta' Diċembru 2023 fls-6.00pm, fl-uffiċċju tal-Kunsill.

71.10.2 <u>*Poinsettias Campaign* 2023</u>
Ġiet innutata *email* mibgħuta mill-Uffiċċju tal-President dwar *Poinsettias Campaign* b'risq il-MCCF. Il-Kunsill unanimament approva li jalloka €600 biex jinxtraw poinsettias. Residenti ser jkunu jistgħu jiġbru waħda (*per household*) mill-uffiċċju tal-Kunsill billi jippreżentaw il-karta tal-identità. Dawn ser ikunu disponibbli fuq bażi ta' *first come first served.*

71.10.3 <u>Talba għal *zebra cross* fi Triq il-Ferrovija l-Qadima</u>
Resident qed jissuġġerixxi li ssir *zebra cross* fi Triq il-Ferrovija l-Qadima (bejn Vjal Sir M A Refalo u Vjal De Paule). Din il-proposta qed issir abbażi li mhux ser jintilfu *parking spaces* peress li peress li f'din il-parti tat-triq ma jipparkjawx karozzi. Il-Kunsill iddiskuta u f'dan ir-rigward qabel li napplikaw ma' TM għal permess.

71.10.4 <u>Miżuri kontra *speeding* fi Triq B. Bontadini</u>
Residenta qed tressaq proposta biex tiġi indirizzata l-problema ta' *speeding* fi Triq B. Bontadini. Ser ssir laqgħa mas-Sindku ta' B'kara biex tiġi diskussa din il-proposta peress li parti mit-talba taqa' taħt il-konfini ta' B'kara.

71.10.5 <u>Suġġeriment għal Vjal De Paule</u>
Residenta qed tissuġġerixxi li jsiru xi *bollards* biex jipprojbixxu l-vetturi milli jagħmlu *U-turn* fil-*junction* ta' quddiem Triq il-Ferrovija l-Qadima. Kif intqal aktar kmieni, is-SE ser tibgħat *reminder* lis-CEO ta' TM fuq il-periklu li hemm.

71.10.6 <u>Dawl bil-kulur mal-arbli tal-bnadar li hemm fil-pjazza</u>
Is-Sindku issuġġerixxa li nixgħelu l-arbli li hemm fil-pjazza, b'kulur aħdar u aħmar (kuluri tal-bandiera ta' Ħal Balzan) u b'dawl b'kuluri meta jkun hemm xi avveniment. Il-Kunsill approva u ser ninfurmaw lill-*electrician* biex jgħidilna x'hemm bżonn li jsir.

## 71.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

71.11.1 Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti nru. 11/23, li tinkludi l-ammont ta' €89.85c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Ottubru 2023.

71.11.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku MLB li kienet issekondata mill-Kunsillier ONDG. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

71.11.3 Is-Sindku ħareġ mill-kamra sakemm ġiet approvata l-iskeda peress li kien hemm pagament nru. 25 (transazzjoni nru. 347/23) indirizzat lilu.

## 71.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

71.12.1 Il-laqgħa ntemmet fil-5.03pm.

71.12.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tnejn, 11 ta' Diċembru 2023 fl-4.00pm.

Konfermati, illum it-Tnejn, 11 ta' Diċembru 2023.

| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
|---|---|
| Dr Angelo Micallef<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |